**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 16-13

**Data: 28 ta' Novembru** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera
Carl Mifsud- Ambaxxatur tal-Vot16 ghall-Kalkara

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti gew approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno.

2. **Punti Mqajjma mill-Minuti.**

2.1 Dwar punt numru 3.3 mill-minuti precedenti mressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li dawn il-pjanti ser jergghu jinzerghu fiz-zmien li gej u nfurmat lill-Kunsill li qed jinzerghu aktar fjuri fic-Centre Strips. Ic-Centre strip ta' Triq ir-Rnella quddiem in-numru 138, peress li hemm it-tappiera gholja u terrapien taht il-hamrija, il-fjuri li jinzerghu ma jzommux b'hekk il-Kunsill qabel li din issir differenti. Gie propost li din issir biz-zrar u jithawwlu il-pjanti sokkulenti flok fjuri.

2.2 Dwar punt 3.4 mill-minuti precedenti dwar il-kompetizzjoni ghat-tfal ghal Jum il-Kalkara, il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li din ser tkun miftuha ghat-tfal tal-Klassi 3,4,5 u 6. Wara diskussjoni dwar l-arrangamenti ta' din il-kompetizzjoni gie deciz li jinghata premju lir-rebbieh/a minn kull klassi u jigu ppremjati f'Jum il-Premjazzjoni tal-Kunsill fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara. Ir-rebbieha ghandhom jintghazlu mill-ghalliema ta' kull klassi. Il-Vici Sindku flimkien mal-Ambaxxatur Carl Mifsud issuggerew li jinghata l-messagg lit-tfal u huma jhejju l-istampa jew tpengija.
Il-Kunsilliera Maria Sultana issuggeriet li t-tfal jaghmlu kemm il-messagg u t-tpingija, u is-Sindku Speranza Chircop qablet mas-sinjura Sultana. Il-Kunsill iddecieda li jsir kif diskuss hawn fl-ahhar.

2.3 Dwar punt 3.5 mill-minuti precedenti dwar ir- restawr fuq il-monument tas-salib fit-traffic island ta' Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll fuq il-lapida li hemm fl-isqaq Marina Nru 2. Dwar l-ewwel wiehed gie deciz li peress li dan il-monument mhuwiex wiehed antik imma sar fl-1974 ir-restawr tieghu jista jsir minn haddiem li jahdem il-gebel. Dwar il-lapida il-Kunsill ghandu jikkuntattja xi artisti li jahdmu dan it-tip ta xoghol.

Is-Sindku qalet li kien hemm salib iehor fil-Pjazza tas-Sagra Familja (ta' La Vallette) u qed taghmel diskussjonijiet u ricerka mas-Socjeta Filarmonika Sagra Familja kif ukoll mal-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Il-Kunsillier Pawlu Bongailas staqsa lis-Sindku ghal liema raguni qed tiehu hsieb din ir-ricerka hija, meta d-dekasteru tal-Wirt Storiku jaqa' taht ir-responsabbilta tieghu.

Is-Sindku qalet li hija ma tafx li s-Sur Paul Bongailas ghandu r-responsabbilta tal-Wirt Storiku. Huwa irrisponda li suppost li hija taf minhabba li kienet hi li tat id-dekasteri lill-Kunsilliera fil-bidu tal-legislatura. Huwa sab il-minuti u qara id-deskrizzjoni tad-dekasteru tieghu. Is-Sindku qalet li jekk huwa kien qed jahdem fuq dan il-progett huwa jmissu avzha u mhux jigi bl-argument waqt is-seduta. Huwa qallha li hu ma semma xejn ghax kien ghadu qieghed jaghmel ir-ricerka u peress ma kellu xejn konkret dwar din ir-ricerka ma hassx li hemm il-htiega li din tissemma f'dan l-istadju.

2.4 Dwar il-punt 3.8 tal-minuti precedenti is-Sindku qalet li is-sinjali ta' mal-art fejn il-Klabb tat-Tennis ghandhom ser isiru.

2.5 Dwar punt 3.9 tal-minuti precedenti dwar it-tnehhija ta' skips minn diversi toroq, il-Kunsilliera Maria Sultana talbet bil-kitba minn liema regolament tal-Unjoni Ewropea harget il-frazi li ghandhom jitnehhew l-iskips. Is-Sindku ghaddiet il-kitba lill-Kunsilliera pero is-Sinjura Maria Sultana qalet li m'hi mnizzla fl-ebda kitba li sa 2015 iridu jitnehhew l-iskips. Din tal-ahhar qalet li l-messagg lir-residenti ma kienx car u ghalhekk hija qed titlob li l-messagg jigi ccarat fil-fuljett li jmiss. Il-Kunsillier Vince Bongailas ghandu jipprezenta l-kitba li ghaliha bdiet tirreferi is-Sindku.

2.6 Dwar punt 3.15 tal-minuti precedenti, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-hasil taht u madwar l-iskips, hija regghet sahqet li ghandha titkompla tingibed l-attenzjoni li meta il-kuntrattur ibattal l-iskips u jkun hemm skart goff hdejn l-istess skips huwa ghandu jinforma lill-Kunsill sabiex dawn jingabru mill-Kuntrattur l-iehor tal-Gbir ta' Skart Goff. Hija pproponiet ukoll li l-postijiet fejn tnehhew l-iskips jergghu isiru sinjali tal-parkegg sabiex in-nies ma jkomplux jarmu fuq il-post.

2.7 Dwar punt numru 3.16, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-bankina fejn iz-zebra cross tax-Xatt, is-Sindku qalet li gie ikkuntattjat il-kuntrattur sabiex jibda x-xoghol mill-aktar fis.

2.8 Dwar punt numru 3.18, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar xi bozoz mitfija, is-Sindku qalet li regghu intbghatu ir-reminders lill-Enemalta u anke lill-Kuntrattur tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Chris Bruno qal li avvicinawh xi nies li talbu dwal godda fi Triq Santu Rokku. Huwa qal li l-Kunsill jista japplika ghal dawn maz-zmien.

Il-Kunsilliera Maria Sultana gibdet l-attenzjoni li l-karozza tal-Arriva bir-rotta tal-Kalkara thabbar SmartCity Xghajra u mhux Kalkara hekk kif tasal fejn SmartCity fil-Kalkara. Dan sabiex tingibed l-attenzjoni lill-Kumpannija Arriva.

2.9 Dwar punt numru 3.19, il-punt imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar is-sleeping policeman fejn Block A RHE, is- Sindku qalet li din ghad trid issir.

2.10 Dwar punt numru 3.21, il-punt imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar il-laqgha mitluba minnu mac-Chairman tal-MCST u l-Kappillan il-gdid, is-Sindku qalet li din ghandha trid ssir. Hija qalet li il-Kappillan talab li titnehha l-hamrija li hemm mal-genb tad-dar tieghu minhabba li qed tikkawza umdita'.

2.11 Dwar punt numru 3.24, mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li din it-talba mhux ghal tlielaq imma sabiex isuqu dghajjes bil-mutur fil-Bajja ta' Rnella. Il-Kunsilliera qablu li in-no objection ghandha ssir bil-hinijiet u suggett li ma jkunux ta' dwejjaq lir-residenti. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li jkun ahjar jekk jintalbu juru ir-regolamenti tal-permess taghhom.

## 3. Komunikat mis-Sindku

3.1 Is-Sindku qalet li fis-snin l-imghoddija s-Sur Victor Darmanin kien isellef presepju lill-Kunsill sabiex jitpogga fl-Ufficcju. Ghal din is-sena huwa ghamel wiehed ghall-Kunsill pero il-Kunsill ikun irid jixtri l-pasturi ghal go fih. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

3.2 Is-Sindku pproponiet li jsiru l-Business Cards tal-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li dawn isiru u jingiebu l-kwotazzjonijiet relatati.

3.3 Ser torganizza zjara ghal dawk li jixtiequ jmorru jaraw Presepji tal-Milied f' lokalitajiet diversi.

3.4 Ittra minn CareMalta dwar nominazzjoni ghall-Anzjan Attiv ghall-Lokalita. Is-Sindku semmiet li hija innominat lis-Sinjura Mary Debono. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li din il-korrispondenza msemmija mis-Sindku ma resqitx quddiem il-Kunsill u li nominazzjoni ta' din il-kwalita kellha tigi approvata mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li hi ma ressqitx din in-nominazzjoni quddiem il-Kunsill minhabba li ma kienx hemm zmien md-data tal-gheluq ghal din in-nominazzjoni. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li din m'hijiex raguni valida li l-Kunsill ma jkunx ikkonsultat ghal-nominazzjoni bhal din.

3.5 Applikazzjoni tal-Kunsill taz-Zghazagh. Is-Sindku qalet li ser jitqassam avviz bieb bieb ghal dawk iz-zghazagh li jixtiequ jkunu parti minn dan il-Kunsill.

3.6 Dawl gdid fi Triq Patri Mattew Sultana. Is-Sindku qalet li qed tithejja l-applikazzjoni ghad-dawl gdid fi Triq Patri Mattew Sultana il-parti fejn inbniet il-Binja l-gdida tal-Awtorita tad-Djar.

## 4. Mistoqsijiet u Punti Mqajjma mill-Kunsillieri

### 4.1 Il-Vici Sindku, s-Sur Chris Bruno ressaq dawn il-punti:

a. Dwar it-talba klabb tal-Football tal-Kalkara ghall-entratura ohra ghall-ground tal-football, il-Kunsill ma rcieva l-ebda talba.

b. Dwar it-talba mis-Socjeta Filarmonika Sagra Familja ghat-tnehhija tal-konka tal-Palma, is-Sindku qalet li din se tigi diskussa fil-korrispondenza.

4.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana ressqet dawn il-punti:

a. Gibdet l-attenzjoni l-pot tat-tarag fi triq Santa Filumena li ilha tant tigbed l-attenzjoni dwarha u li kellha titnehha, ghadha fuq il-post, ghalhekk hija sahqet li sakemm jibqa ma jsir xejn dwar l-ilmenti mressqa fis-seduti precedenti hija mhux se tressaq aktar ilmenti sakemm tittiehed azzjoni fuq dawk precedenti.
b. Staqsiet dwar ilment li tressaq lilha m'ghand residenta fi Sqaq Marina li minn meta sar ix-xoghol ricenti tal-pavimentar qed jidhol hafna ilma fid-dar tas-Sinjura meta taghmel ix-xita. Is-Sindku qalet li saru spezzjonijiet mill-WSC li dawn ikkonfermaw li dan l-ilma m'huwiex drenagg. Is-Sindku qalet li hija kkuntattjat lill-kuntrattur sabiex jiccekkja il-kawza ta' dan l-ilma u li ghandu jitranga fejn hemm bzonn.

4.3 Il-Kunsillier Paul Bongailas ressaq is-suggeriment:

a. Huwa qal li it-tray tal-korrispondenza ghandu jerga jingieb ghall-attenzjoni taghhom u kull kunsillier ghandu jiffirma l-korrispondenza li jkun hemm fih. Is-Sindku qablet ma dan is-suggeriment.

4.4 Il-Kunsillier Vincent Bongailas ressaq dawn il-punti:

a. Huwa staqsa meta ser isir id-dawl ta' Triq l-Isptar Navali. Is-Sindku qalet li kif jitlesta ix-xoghol tad-dawl tal-Housing Estate ghandu jibda dak ta' Triq l-Isptar Navali.
b. Qal ukoll li hekk kif titnaddaf l-ghalqa fi Triq l-Isptar Navali ghandha tinghalaq bil-grada sabiex hadd ma jerga jhammeg din l-art bi skart goff.
c. Gibded l-attenzjoni li ircieva diversi lmenti dwar gebel li qed jaqa minn blat u li qed jinzel fi Triq Marina u anke f'bitha ta' residenza. Huwa qal li dan il-hajt ghandu jitranga mill-aktar fis possibli.

## 5. Approvazzjoni ta' skeda ta' Pagamenti.

Is-Sindku qalet li din ser tigi pprezentata fis-seduta li jmiss.

## 6. Korrispondenza

6.1 Talba mill-Ghaqda Circolo San Giuseppe, Socjeta Filarmonika Sagra Familja.

Intbghatet ittra mill-ghaqda hawn fuq imsemmija sabiex il-Kunsill inehhi l-konka tal-Palma fil-Pjazza Sagra Familja. Il-Kunsill iddiskuta id-diversi lmenti li qed jircievi mir-residenti dwar l-armar tal-festa li ghadu fil-Pjazza. Il-Kunsill iddecieda li ghandha tintbghat ittra lill-istess ghaqda sabiex jitnehha l-armar li ghad hemm fil-Pjazza msemmija. Meta dan l-armar jitnehha il-Kunsill ikun lest jilqa t-talba tas-Socjeta.

6.2 Tindif ta' art fejn il-Fortizza Ricasoli.

Il-Kunsill ircieva talba minn individwi sabiex inaddfu bicca art fejn il-Fortizza Ricasoli bl-intenzjoni li minn zmien ghal zmien huma juzawha ghall-gbid tal-films lokali. Sa llum din l-art qed tintuza ghall-abbuz tar-rimi ta' skart goff u ta' ttehid tal-vizzju tad-droga.

Dawn l-individwi qed joffru lill-Kunsill sabiex huma jnaddfu din l-area u jaghmlu kancell bi spejjes taghhom sabiex tinzamm nadifa u jieqaf l-abbuz imsemmi. Il-Kunsill qabel li din it-talba tigi milqugha bil-kundizzjoni li l-art tibqa art pubblika, b'hekk din id-decizjoni ma taghtix dritt lil dawn l-individwi jokkupaw l-art imsemmija. Kopja tac-cavetta tinzamm ghand il-Kunsill.

Il-Kunsill ghandu jigi avzat meta ser isiru dawn il-filmati u b'hekk il-Kunsill ikun jista johrog il-permessi mehtiega.

6.3 Ilment dwar Sqaq Marina.

Is-Sindku ressqet ilment minn resident li l-Isqaq Marina li sar bil-Pavimentar ricenti tal-Lava, huwa skur wisq u qed ikun ta' periklu ghal persuna li nieqsa mid-dawl li taghmel uzu minn dan l-isqaq. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob gwida lill-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabilita' fejn jghidulna x'jista jsir sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata.

## 7. Jum il-Kalkara

Is-Sindku infurmat li l-inviti qed jinkitbu u li l-arrangamenti dwar Jum il-Lokal gew diskussi fis-seduta li ghaddiet. Il-Kunsillier Paul Bongailas qed jghin lis-Segretarja bl-arrangamenti necessarji.

## 8. Aggornament

Is-Seduta ntemmet fid-21.00 ta' filghaxija u aggornata sine dia.

Speranza Chircop
Sindku

Sharon Galea Iriele
Seg Ezekuttiv